MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Għeżież Ġenituri/Gwardjani Legali,

Bħalissa ninsabu f'wieħed mill-istaġuni meta l-influwenza hija fl-aqwa tagħha, b'ħafna każijiet t'influwenza barra każijiet ta' rjiħat komuni.

Biex jitnaqqas it-tixrid t'infezzjonijiet respiratorji, tfal morda, b'temperatura għolja u b'sintomi tal-influwenza għandhom jinżammu d-dar. Sadanittant, l-aħjar mod kif wieħed jista' jipproteġi lilu nnifsu milli jimrad b'virus respiratorju huwa billi:

- Jaħsel idejh bis-sapun u jdum jagħmel dan għal madwar 20 sekonda u jekk ilma u sapun ma jkunux disponibbli, juża diżinfettant tal-idejn b'bażi alkoħolika;
- Jgħatti ħalqu b'*tissue* jew bil-komma meta jisgħol;
- Jgħatti mnieħru b'*tissue* jew bil-komma meta jagħtas;
- Jarmi *tissues* użati immedjatament;
- Jevita li jmiss għajnejh, imnieħru u ħalqu qabel jaħsel idejh;
- Jevita li jkun f'kuntatt ma' nies li huma morda.

Bħalma jintalab dejjem għal mard li jittieħed, tfal/studenti jew impjegati li huma morda, dawn għandhom jintbagħtu d-dar u jibqgħu d-dar sakemm is-sintomi jitilqu u għandhom isegwu istruzzjonijiet tat-tabib tal-familja.

Kif kulħadd jaf permezz tal-midja, ġie skopert virus respiratorju ġdid li oriġina fiċ-Ċina, in-*Novel Coronavirus.* Dan il-virus ġdid qiegħed jinfirex fiċ-Ċina fejn hemm kuntatt bejn bniedem u ieħor. Diversi pajjiżi għandhom każijiet li fil-maġġorparti huma każijiet impurtati miċ-Ċina ta' persuni li kienu esposti għall-virus fiċ-Ċina u żviluppaw is-sintomi aktar tard. Fil-preżent għad m'hemm l-ebda każ ikkonfermat f'Malta. L-awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika qegħdin jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jindividwaw minn kmieni kemm jista' jkun każijiet biex hekk jinżammu taħt kontroll.

Jekk wieħed jeħtieġ aktar informazzjoni dwar dan il-virus, wieħed jista' jaċċessa l-*Unit għall-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard li Jittieħed (IDCU)* fi ħdan is-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika fil-Ministeru tas-Saħħa fuq is-sit:

https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/Pages/temp/Novel-coronavirus.aspx

Kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa, ir-riskju ta' trasmissjoni kontinwa tan-*Novel Coronavirus* huwa biss fiċ-Ċina u għalhekk ir-riskju huwa jekk persuna kienet iċ-Ċina jew kienet esposta għal każ. Jekk it-tifla/tifel tiegħek żar iċ-Ċina f'dawn l-aħħar 14-il ġurnata, ikkuntatja lill-IDCU fuq in-numru tat-telefon 21324086.

Ninkoraġġixxu wkoll lilkom il-ġenituri/gwardjani legali biex matul is-sena skolastika kollha ssegwu miżuri bażiċi ta' prevenzjoni, ieqfu milli tibagħtu l-iskola lil uliedkom morda biex tevitaw it-tixrid ta' mard li jittieħed u biex tneħħu kull biża' billi tfittxu l-parir minn sorsi t'informazzjoni ta' fuq min joqgħod fuqhom.

Sa. Maria Mc Namara
Direttur Ġenerali
Servizzi Edukattivi

t + 356 2598 2404 e maria.mc-namara@gov.mt | www.education.gov.mt